**STQARRIJA MINISTERJALI TAL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA B'RABTA MAL-KUNSILL EWROPEW STRAORDINARJA TAL-1 TA' FRAR 2024**

Sur President, nhar il-Ħamis, l-1 ta' Frar 2024 kellna laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew, li kienet immirata biex tkompli tibni fuq dak li ma konniex ikkonkludejna fil-Kunsill ta' Diċembru 2023. Kienet ukoll laqgħa speċjali minħabba l-kuntest ukoll li saret fih.

X'kien dan il-kuntest? Proprju li f'dan il-jum tal-Kunsill it-toroq ta' Brussell kienu dominati mill-protesti tal-bdiewa kontra regoli Ewropej imfassla, jiddispjaċini ngħid, minn istituzzjonijiet li qed ikunu akkużati – jien ngħid li xi kultant jew diversi drabi bir-raġun - li qed jinqatgħu mir-realtajiet taċ-ċittadini u miċ-ċittadini infushom. Proposti bl-istess għan saru mhux biss ġewwa Brussell imma wkoll fi bliet Ewropej oħrajn.

Bħala Kunsill Ewropew meta ġejna għal dan is-suġġett adottajna konklużjonijiet qosra li fihom irrikonoxxejna dak li beda jdejjaq lill-bdiewa u tlabna lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi meħtieġa. Minn hekk imbagħad dlonk telqu l-politiċi Ewropej fuq il-midja soċjali li immedjatament qalu li semgħu dak li kienu qed jgħidu l-bdiewa.

Jien nieħu pjaċir li kien hemm dan it-tip ta' statements. Jien wieħed minn dawk li ninsisti li l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jisimgħu - u jisimgħu b'serjetà - dak li jkun qiegħed joħloq dwejjaq lis-soċjetajiet tagħna. Ċertament li anke bħala wieħed mill-mexxejja tal-istati membri tal-Unjoni Ewropea, mhux se noqgħod lura milli nitkellem dwar dawk ir-regolamenti u direttivi Ewropej li qegħdin idejqu lis-soċjetajiet tagħna. Insemmi pereżempju - eżempji li huma relevanti ferm għalina - is-settur marittimu, partikolarment ir-regolamenti tal-ETS, u nsemmi wkoll is-settur daqstant importanti tat-trasport. Naturalment dawn fil-każ tagħna huma intimament marbutin u linked ma' xulxin. Qed naraw istituzzjonijiet Ewropej li issa mhux darba - tgħid forsi bi żvista - imma ħafna drabi qegħdin jinteressahom biss minn dak li jidher sabiħ fuq il-karta, iżda li meta tiġi biex tanalizzah fil-prattika ssib li qajla jkun jagħmel sens. Jista' jkun li forsi jkollu għan tajjeb, imma meta imbagħad tara kif jaħdem fil-prattika, jkun iktar jagħmel ħsara milli ġid. Tant huwa hekk - u din ngħidha b'responsabilità - li ħafna drabi qed nispiċċaw b'riżultati ta' leġiżlazzjonijiet li huma perversi u li mbagħad bħala stati membri jkollna nagħmlu każ dwarhom biex nikkontestawhom quddiem il-qrati Ewropej. Kellna każ partikolari fejn l-indikazzjonijiet huma li fuq dak li kkontestajna - qed nirreferi għas-settur tat-trasport - x'aktarx li ningħataw raġun.

Insemmi imbagħad suġġett ieħor li ddiskutejna fil-Kunsill Ewropew mingħajr ma sfortunatament wasalna għal konklużjoni bil-mitkub. Qed ngħid għas-sitwazzjoni f'Gaża u l-karba ta' dawk li qed isofru hemmhekk. Hawnhekk ukoll nibqa' nemmen - u nerġa' għal dak li tlaqt bih fil-bidu - li bħala Unjoni u nies f'pożizzjonijiet għolja fi ħdanha, partikolarment dawk li qegħdin imexxu l-istituzzjonijiet Ewropej, ħadu pożizzjonijiet insensittivi immens. Allura, Sur President, jien dejjem inwassal il-messaġġ li l-istituzzjonijiet għandhom joħorġu kemm jista' jkun mill-kumdità tal-uffiċċji li jaħdmu minnhom, u jisimgħu l-karba tan-nies; li jħossu u jifhmu r-realtajiet tan-nies; li jkunu sensittivi għar-realtajiet tan-nies. Għaliex jekk tinjora s-sensittivitajiet u r-realtajiet tan-nies ma jista' jkollok qatt regolamenti u direttivi li jagħmlu sens.

Nerġa' mmur lura speċifikament għas-settur tal-biedja. Kelli l-privileġġ li nitkellem mar-raħħala u mal-bdiewa b'mod dirett. Nemmen li huwa importanti li nisma' b'mod dirett dak li qiegħed idejjaqhom. Vera li l-maġġoranza tad-dwejjaq li esprimew, il-maġġoranza assoluta ta' dak li qiegħed jinkwetahom huwa marbut ma' regolamenti li huma imfassla mill-Kummissjoni Ewropea. Jien nemmen fi prinċipju wieħed: dak li dan is-settur għandu bżonn is-sostenn tagħna b'għajnuna li tkompli twittilu t-triq biex ikompli jikber. Konvint li dan is-settur huwa ta' importanza kruċjali għal pajjiżna kif ukoll għall-ekonomija tiegħu. Din l-għajnuna konsistenti hija l-mod kif ħdimna fir-rigward ta' dan is-settur bħala Gvern matul dawn l-aħħar snin. Konna ta' spalla biex lis-settur tajnieh għajnuniet li qatt ma kien ra bħalhom qabel.

Ippermettili, Sur President, insemmi ftit eżempji. Bejn l-2019 u l-2023 investejna €79 miljun direttament f'għajnuniet lis-settur biex ngħinu lill-bdiewa u lir-raħħala jinvestu f'makkinarju, inġenji u binijiet li huma neċessarji għall-operat tagħhom.

Innegozjajna wkoll b'suċċess biex parti sostanzjali mill-allokazzjoni rekord ta' fondi li nnegozjajna għal pajjiżna lura fl-2020, u li tiżboq sewwa ż-€2 biljun, tkun tinkludi 'l fuq minn €190 miljun immirati biex ngħinu lis-settur tal-agrikultura għall-perijodu bejn l-2021 u l-2027. B'din l-għajnuna s-sapport għad-dħul tal-bdiewa tela' minn €30 għal kull tomna għal €84 għal kull bidwi, b'nefqa totali ta' €15 miljun. Se ngħinu lill-bdiewa żgħażagħ b'inċentiv ta' €60 għal kull tomna raba' li jaħdmu għall-produzzjoni ta' prodotti organiċi.

Apparti minn hekk, innegozjajna wkoll b'suċċess skema ta' Coupled Income Support għar-raħħala u għas-settur tat-tadam, b'nefqa ta' €3 miljun minn fondi Ewropej, li se tkun kruċjali speċjali għal Għawdex. Dan biex ma nsemmux ukoll li fl-2023 saru investimenti ta' €21 miljun biex bdiewa investew fi proġetti f'żoni rurali. Hawnhekk in-nefqa fl-2024 se titla' għal €25 miljun. Hemm eżempji oħrajn ta' għajnuniet li tajna, fosthom bħala parti mill-pjan ta' rkupru mill-pandemija. Hemmhekk tajna għotjiet diretti li jammontaw għal €3.5 miljun lill-bdiewa, u €8 miljun lir-raħħala tal-bhejjem. Dawn jingħaqdu ma' skemi oħrajn bħal tal-fertilizzant u dawk li bihom indirizzajna l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna. Imbagħad ma' dawn wieħed irid iżid ir-riformi jew proġetti strutturiali li għandhom jagħmlu differenza kbira.

Kellna l-kuraġġ nagħmlu r-riforma tal-qbiela; ir-riforma fil-Kap. 199, li kulħadd qal li impossibbli li ssir fost oħrajn, jiġifieri r-riforma tal-kirjiet agrikoli u liġijiet relatati, kif ukoll il-fidi ta' ċnus agrikoli. Riformi li, waqt li nhar il-Ġimgħa kont qalb il-bdiewa, ġew imfaħħra minnhom stess, għaliex taw ħaġa waħda: taw serħan il-moħħ lis-settur, serħan il-moħħ u stabilità li ma kienx hemm.

Insemmi wkoll l-estensjoni fin-network tan-new water, li huwa works in progress, għax huwa proġett li diġà wettaqna parti sostanzjali minnu imma għad hemm fażijiet li jridu jiġu implimentati. Dan huwa investiment multimiljunarju li jikkumplimenta l-impenn tal-Gvern biex titnaqqas il-pressjoni mill-użu tal-groundwater. Dawn huma inizjattivi li l-ministeri relevanti għandhom direzzjoni ċara li huma ta' prijorità fit-twettiq tal-ħidma tagħna.

Sur President, jien ma waqaftx ma' status fuq *Facebook*. Mort niltaqa' direttament mal-bdiewa u, għall-kuntrarju ta' dak li qalet l-Oppożizzjoni, il-bdiewa tkellmu miegħi dwar kif ma pprotestawx kontra l-Gvern imma speċifikaw li d-dwejjaq tagħhom huwa mmirat lejn regoli Ewropej li ftit jagħmlu sens. Jien tajt il-kelma li l-Gvern huwa ta' spalla magħhom, u se jibqa' jkun hemmhekk għalihom kull meta jkollhom bżonn.

Sur President, ippermittili, qabel nagħlaq fuq dan is-suġġett, insellem u nirringrazzja lill-Ministru Anton Refalo tal-ħidma tiegħu. Nirringrazzja wkoll lit-tim tiegħu. Nirringrazzja wkoll lis-Segretarju Permanenti responsabbli minn dan is-settur, is-Sur Sharlo Camilleri. (Onor. Membri: Hear, hear).

Sur President, tema oħra li ddiskutejna f'dan il-Kunsill kienet it-tkabbir. Fil-fatt din it-tema ġiet diskussa fl-aħħar żewġ laqgħat tal-Kunsill, jiġifieri dak tal-ġimgħa li għaddiet kif ukoll dak ta' Diċembru. F'din id-diskussjoni tista' tgħid li hemm skejjel ta' ħsieb li ma jaqblux ma' xulxin; hemm perspettivi differenti. Però huwa żgur li kwalunkwe tkabbir se jħalli impatt f'diversi oqsma – politiċi, finanzjarji u oħrajn. Veru – u ma nistgħux niċħdu - li politikament jista' jkun jagħmel sens li l-Unjoni tikber minħabba li b'hekk tkun qiegħda tikber is-saħħa tagħha. Però daqstant ieħor huwa veru li dan se jkun qed jimpatta diskussjonijiet finanzjarji, allokazzjonijiet ta' fondi, it-tfassil tar-regoli u diversi affarijiet oħrajn.

Il-pożizzjoni tagħna hija ċarissima, u ppermettili nerġa' nirrepetiha, Sur President. Aħna rridu l-assigurazzjonijiet li jsiru r-riformi interni meħtieġa fil-metodu li bih illum tfassal ir-regoli tagħha l-Unjoni Ewropea qabel nikkonsidraw iktar tkabbir. Irridu li l-Unjoni Ewropea tkun lesta hi, biex b'hekk tkun tista' tilqa' membri oħra fil-futur. Ma jistax jibqa' jkollna, kif semmejt iktar qabel - u nerġa' nenfasizza - regoli li jagħmlu sens biss fuq il-karta bla ma jiġu kunsidrati r-realtajiet tan-nies u l-impatti negattivi li qed iħallu dawn ir-regolamenti fuq il-ħajja tan-nies kif ukoll fuq l-ekonomiji tagħna. (Onor. Membri: Hear, hear).

Apparti hekk, irridu naraw li dawk is-salvagwardji li għandna llum f'oqsma bħalma hija n-newtralità, jibqgħu jiġu mħarsa.

Dwar il-pajjiżi fil-viċinat li jixtiequ jew jaspiraw li jsiru membri, nemmen li għandna niġġudikawhom fuq il-merti tagħhom, merti li jkunu bbażati fuq il-kwalità ta' riformi li jimplimentaw li bihom jitqarrbu iktar lejn l-Unjoni. Dik hi s-serjetà, li niġġudikaw fuq il-merti u mhux abbażi ta' esiġenzi politiċi, kif sfortunatament għamel ħaddieħor.

Ma naqsitx lanqas is-solitu diskussjoni dwar il-gwerra fl-Ukrajna. Il-Kunsill ħa nota tal-iżviluppi, però id-diskussjoni hawnhekk kienet iktar iddominata mill-baġit u l-għajnuniet. Sur President, dwar dan is-suġġett il-pożizzjoni tagħna baqgħet konsistenti: nappoġġjaw kull sforz għall-paċi, kif nagħmlu dejjem u kullimkien. Għalhekk, imma, kont diżappuntat immens bil-mod kif żviluppat id-diskussjoni dwar il-Lvant Nofsani. Għax għall-kuntrarju tad-diskussjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, fejn għall-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja adottajna konklużjonijiet kważi f'kull laqgħa tal-Kunsill - konklużjonijiet li kienu ċari u huwa tajjeb li sar hekk - dwar il-Lvant Nofsani sfortunatament il-Kunsill ilu ma jippronunzja ruħu minn Ottubru 2023.

Forsi tgħidli: Konklużjonijiet bil-miktub x'differenza kienu jagħmlu? Kien jagħmlu, u kif! Il-fatt li l-Unjoni Ewropea hija tant assidwa - u tajjeb li huwa hekk - dwar il-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja imma mbagħad kompletament siekta fuq dak li qed jiġri fil-Lvant Nofsani, għalija hija xi ħaġa li tistona ferm. Ma nistgħux nibagħtu messaġġ - u jiddispjaċini ngħid li dan huwa l-messaġġ li joħroġ - li ħajja fil-Lvant Nofsani tiswa inqas minn ħajja fi gwerra oħra; jew li qisu l-paċi fil-Lvant Nofsani hija xi ħaġa li qtajna qalbna minnha kompletament. Għax dak hu li tgħidli l-konklużjoni ewlenija li toħroġ min-nuqqas ta' konklużjoni tal-Kunsill tal-ġimgħa li għaddiet, li qisu s-sitwazzjoni umanitarja fil-medda ta' Gaża ma tinteressax lill-Unjoni Ewropea, jew tinteressaha ħafna u ħafna inqas minn kemm jinteressawha tensjonijiet jew gwerer oħrajn.

Kont ċar dwar dan il-punt, u se nibqa' nkun issa anke fil-kuntest tad-deċiżjoni tal-ICC, jiġifieri tal-Qorti Kriminali Internazzjonali. Nemmen għalhekk li rridu nibqgħu konsistenti mal-messaġġ li bgħatna - pajjiżna kien wieħed mill-ftit fil-bidu; illum nieħu pjaċir li dik l-għajta ta' 'cease fire' qiegħda taqbad iktar ritmu - li rridu nkomplu ninsistu għal waqfien permanenti mill-ġlied, u li dak il-waqfien permanenti mill-ġlied isir b'mod immedjat. Iva, hemm għodod li l-Unjoni Ewropea tista' tuża, kif għamilna ma' agressuri oħra fi bnadi differenti tad-dinja. Hija purament kwestjoni ta' jekk għandniex ir-rieda li nieħdu pożizzjonijiet konsistenti kif ħadna fuq gwerer oħrajn, jekk l-Unjoni Ewropea għandhiex l-aptit li tuża l-għodod li għandha għad-dispożizzjoni tagħha; definittivament mhux kwestjoni jekk l-Unjoni Ewropea għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha dawn l-għodod.

Ir-rieda trid tiġi mill-istituzzjonijiet Ewropej kollha. Kollha kemm huma. Jeħtieġ li jsir iktar quddiem is-sitwazzjoni umanitarja ta' tkexkix li qiegħda tiżvolġi fil-Lvant Nofsani. Aħna, bħala pajjiż, se nibqgħu nwasslu dan il-messaġġ. Fl-aħħar jiem offrejna wkoll għajnuniet mediċi. Bħala Kabinett ukoll ħadna deċiżjoni li nibagħtu ikel u għajnuniet oħra biex ngħinu lill-vittmi Palestinjani.

Nagħlaq bl-aħħar punt li ddiskutejna fil-Kunsill Ewropew, jiġifieri l-mid-term revision tal-Multiannual Financial Framework (MFF). Diskussjoni li saret fi sfond ta' deċiżjonijiet minn qrati fi bliet prinċipali fl-Unjoni Ewropea dwar in-nefqiet tal-gvernijiet tagħhom u x'għajnuniet

qegħdin jagħtu fil-baġits nazzjonali tagħhom, liema deċiżjonijiet tal-qrati rrestrinġew in-nefqa f'setturi kruċjali tal-istess gvernijiet.

Din id-diskussjoni tista' tgħid li telqet b'żewġ għanijiet: l-ewwel, li tkun limitata kemm jista' jkun l-ispiża filwaqt li niffinanzjaw prijoritajiet ġodda fid-dawl ta' realtajiet li nbidlu minn dakinhar li nnegozjajna fl-2022, meta kellna ftehim milħuq. It-tieni, li jkun hemm għajnuniet lill-Ukrajna. Filwaqt li f'pajjiżna komplejna nassistu kemm nifilħu lill-poplu tagħna, pajjiżi oħra Ewropej kienu mġiegħla jnaqqsu l-baġits nazzjonali tagħhom, anke b'deċiżjonijiet mill-qrati. Kelli l-opportunità li niddiskuti sentenza li ngħatat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-Ġermanja f'laqgħa bilaterali mal-Kanċillier Olaf Scholz meta kien hemm l-istate visit fil-Ġermanja. Għal dawn il-pajjiżi, minħabba s-sitwazzjonijiet lokali tagħhom fejn kienu mġiegħla jnaqqsu l-infiq, kien diffiċli jiġġustifikaw żieda fil-kontribuzzjonijiet lill-baġit tal-Unjoni Ewropea biex jiġu ffinanzjati prijoritajiet ġodda.

L-unika ġustifikazzjoni biex jagħmlu dan kien li din tkun parti minn pakkett iktar wiesa' li jkun jinkludi għajnuniet lill-Ukrajna. Din l-għajnuna kienet importanti għal dawn il-pajjiżi minħabba l-fatt li l-Ukrajna ġeografikament tinsab fil-viċinat tagħhom.

L-ikbar problema f'dan kollu iżda kienet li għalkemm qbilna prattikament fuq kollox, kellek pajjiż li ma bediex jaqbel fuq elementi partikolari, xi ħaġa li kienet rappurtata sewwa fil-midja u allura ma jeħtieġx li nelabora wisq hawnhekk. Però rrid insemmi ftit punti prinċipali.

L-ewwel: f'dan il-baġit ma kien hemm ebda ċaqliq fl-envelopes nazzjonali. Jiġifieri l-allokazzjoni rekord ta' Malta għal dan il-perjodu baqgħet kif innegozjajnieha b'suċċess f'Lulju 2020 (Onor. Membri: Hear, hear).

It-tieni: il-qbil kien li jkun hemm għajnuniet, f'forma ta' self u għotjiet, lill-Ukrajna fis-snin li ġejjin.

It-tielet: li jkun hemm finanzjament u injezzjonijiet ġodda fl-oqsma tal-migrazzjoni, il-fruntieri kif ukoll is-sigurtà.

Ir-raba’: li jiġu finanzjati n-nefqiet ġodda ta’ prijoritajiet strateġiċi, magħrufa aħjar bħala STEP; l-imgħaxijiet fuq is-self li ħadet l-Unjoni għall-Pjan ta’ Reżiljenza u Rkupru u spejjeż tal-istituzzjonijiet.

Għal dan kollu, inkluż is-self potenzjali lill-Ukrajna, in-nefqa globali tista’ tilħaq ftit inqas minn €65 biljun. Jekk wieħed ineħħi s-self minn din il-figura, mela allura n-nefqa tammonta għal madwar €32 biljun. Minn dawn it-€32 biljun, madwar €11 biljun se jiġu ffinanzjati minn fondi li mhux se jiġu użati minn programmi eżistenti, jiġifieri se jkun hemm ċaqliqa bejn il-fondi. Jifdal għalhekk €21 biljun li jridu jiġu minn kontribuzzjonijiet ġodda mill-istati membri. Jekk niġu għal pajjiżna, il-kalkolu huwa li s-sehem ta’ Malta fis-snin li ġejjin ikun ta’ madwar €5 miljun fis-sena. Madanakollu dan jista’ jkun inqas, jew ferm inqas. Jiddependi wkoll fuq x’jiġri mill-assi ffriżati Russi u d-dħul potenzjali li jiġġeneraw. Dan huwa stmat li jista’ jlaħħaq €17 biljun.

Sur President, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew.

Biex intemm, nagħlaq b’messaġġ wieħed. Inkunu fejn inkunu, jekk huwiex hawn jew fil-Kunsill Ewropew jew f’laqgħat f’istituzzjonijiet oħra, irridu nibqgħu nwasslu l-messaġġ ta’ politika għan-nies. Aħna qegħdin hawnhekk fdati f’isem in-nies.